Minuti tal-laqgħa straordinarja numru ħamsa u ħamsin (55) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar il-Ħamis, 27 ta' Ottubru 2022 fis-6.00pm fil-Bini Muniċipali tar-Rabat, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sa Janice Busuttil | Kunsillier |
| Assenti: | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |

55.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjieda l-laqgħa u qal it-talba. Is-SE qal li rċieva e-mail tas-Sa Doris Coleiro fejn skużat ruħa li ma setgħetx tkun magħna għal din il-laqgħa u messaġġ tas-Sa Janice Busuttil li qalet illi hija possibilment tingħaqad magħna tard minħabba impenji li għandha. Talba

55.02 Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal illi kellu jsejjaħ din il-laqgħa wara d-deċiżjoni meħuda fl-aħħar laqgħa tal-KLR fejn kien hemm qbil illi x-xogħol ta' Triq il-Kbira jibda' wara l-festi tal-Milied u anke wara l-laqgħa li kellu mal-Perit David Vassallo. Għan

55.03 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-aħjar biex ikun verifikat dan kollu, inċemplu lill-Perit David Vassallo ta' Transport Malta u nistaqsuh il-mistoqsijiet kollha li għandna kif fil-fatt sar. Triq il-Kbira

55.03.01 Il-Perit Vassallo qal li hemm żewġ issues: Triq il-Kbira - x'hemm bżonn isir

(i) Servizzi tal-ilma li jridu jinbidlu għax il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qalulna illi dawn spiċċaw

(ii) Il-bankini jinsabu fi stat deplorevoli.

55.03.02 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi dawn ix-xogħlijiet iridu jsiru mhux fil-Milied u mhux fil-festi ta' San Ġużepp, il-Ġimgħa l-Kbira u San Pawl. Għaldaqstant kollox irid ikun ko-ordinat. Triq il-Kbira – Time frames

55.03.04 Il-Perit Vassallo spjega illi se jibdew jitpoġġew il-mejnijiet tal-ilma flok dawk eżistenti bejn Triq Cosmana Navarra u Triq San Pawl, fi Triq il-Kbira. Hu qal li minħabba l-Sovratendenza għall-Patrimonju Kulturali dawn se jieħdu post l-oħrajn fit-trinka diġà eżistenti biex nevitaw li nsibu xi fuħħar, oqbra jew affarijiet storiċi waqt l-iskavi. Għaldaqstant dan jimplika illi l-familji bir-residenzi tagħhom u l-istabbilimenti jitqabbdu temporanjament ma pajp tal- Triq il-Kbira ilma Triq il-Kbira – Kif se jsir ix-xogħol

temporanju fuq il-bankini taż-żewġ naħat u għaldaqstant jitkissru l-bankini sa mill-ewwel ġurnata. Imbagħad jinqala l-mejn min-nofs it-triq u jitpoġġa l-ġdid. U wara jitqabbdu l-frieġħi servizzi tad-djar permanenti u jinqalgħu dawk temporanji li jkunu tqabbdu magħhom fil-bidu.

55.03.05 Il-Perit Vassallo qal illi f'Jannar 2023 jibda' l-pavimentar tal-bankini u jistgħu jingħata is-*sub-base* bit-tarmak biex wara tinqabad il-parti l-oħra minn Triq Cosmana Navarra sas-Saqqajja u jsir l-istess. Il-kisja tal-*wearing course* ta' fuq issir meta jkun lest kollox biex jiġi kollox ħaġa waħda mingħajr qtugħ.

Triq il-Kbira – Kif se jingħata l-qatran

55.03.06 Il-bdil tal-mejnijiet tal-ewwel parti se jieħu tliet ġimgħat u jekk ma jgħaddix it-test tal-chlorine ikun hemm dewmien ta' ġimgħa u nofs oħra.

Triq il-Kbira – Mejnijiet tal-ilma

55.03.07 Il-kuntrattur hu Schembri Barbros li ħadem tajjeb ħafna fi Triq Cosmana Navarra u fuq iz-zuntier tal-Parroċċa.

Triq il-Kbira – Kuntrattur

55.03.08 Triq San Pawl mhux se tintmess u qed tiġi kkunsidrata illi temporanjament TM tapprova illi l-parti ta' quddiem il-każin tal-PL issir one way bil-kontra.

Triq il-Kbira – Traffic management

55.03.09 Il-ħofor tal-festa se jerġgħu isiru bid-differenza illi l-bankini se jikbru 15cm fuq kull naħa tat-triq biex siġġu tar-roti jgħaddi komdu. Peress li kien ikun hemm ħafna kritika bl-antarjoli tal-festa fuq il-bankini u ħadd ma jista' jgħaddi komdu minn fuq il-bankina, se ssir laqgħa ma' tal-Festa/i.

Triq il-Kbira Bankini u toqob tal-festa

55.03.10 Il-gaġġa li hemm quddiem il-Baxa li tagħlaq l-imwejjed u s-siġġijiet, se naraw kif se nagħmluha u s-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi possibilment din issir bl-istess materjal tal-bankina bil-kundizzjoni li tinqala' l-ħadida minn hemm.

Triq il-Kbira – Imwejjed u siġġijiet tal-istabbiliment BAXA

55.04 **Punti Oħra**

55.04.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab ikunu ordnati tliet bukketti tal-fjuri biex jitpoġġew fiċ-ċimiterju ta' Santa Margerita, fil-Kannierja ta' San Pawl u f'dik ta' San Ġużepp nhar it-2 ta' Novembru fil-5.00pm u talab li jingħaqdu miegħu il-kunsillieri.

Tal-Mejtin

55.04.02 Issemmiet l-iskema nazzjonali tad-Dipartiment Gvern Lokali fejn applikajna illi jsir ir-restawr tal-KLR fi 8, Triq l-Isptar u s-SE spjega li hemm bżonn li ssir emenda urġenti fil-minuti fejn jiddaħħlu l-kelmiet il-Kunsill *''iddeċieda li''* japplika.... biex isir ir-restawr. Is-Sindku spjega illi x-xogħol illum daħal fil-fażi illi jitwaqqgħu il-gallariji fuq in-naħa ta' wara biex jinħoloq l-ispazju għal-lift tal-passiġġieri.

Skema tad-DLG

55.04.03 Issemmiet ukoll l-iskema nazzjonali, tad-Dipartiment Gvern Lokali fejn se jingħataw fondi għal-latrini pubbliċi. Il-Kunsill qabel illi dawn il-fondi jkunu vvutati biex isir *refurbishment* fil-latrina tal-Baħrija. Dan peress li l-latrini ta' Triq il-Kulleġġ u dik ta' Triq Santa Rita huma prattikament ġodda.

Skema tad-DLG

55.04.04 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' id-diffikultà biex jinħarġu mil-garage l-affarijiet li għandna taħt il-basement tal-blokka fejn jinsabu għaliex is-sid irid €900 fix-xahar żieda. Hu qal illi possibilment joqgħodu ħafna mill-affarijiet li għandna fil-latrini li huma mingħajr użu fi Ġnien Bir Iljun. Hu qal illi l-bieraħ

Tneħħija ta' affarijiet mil-basement u tpoġġija f'Bir Iljun

twaħħal il-bieb fejn hemm kamra żgħira oħra u li fiha se jinqafel ir-recorder tas-cctv. B'hekk inkunu nistgħu ninstallaw il-bandli, il-fanali u l-amenitajiet kollha tal-ġnien.

55.04.05 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' l-proġett tas-Saqqajja u qal illi wara laqgħa li kellna ma persuna li taħdem fl-Awtorità tal-Ippjanar (PA), kien hemm żblokk u aktarx joħroġ dalwaqt il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar li kien miżmum minħabba l-illuminazzjoni tad-dwal biex ma jfixklux l-għasafar u dawn jorqdu fis-siġar u minħabba is-CRPD bir-ranep. Proġett tas-Saqqajja

55.04.06 Is-SE kien mitlub jagħmel appuntament mas-Segretarju Permanenti fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni minħabba l-potenzjal ta' Skola Primarja A. Dan sabiex nesploraw x'għandhom f'moħħhom bħala użu wara li din tiżvojta f'Settembru 2023. Madankollu ir-raġuni uffiċjali se tkun biex naraw jistax ikun utilizzat il-grawnd tal-iskola tal-Baħrija għall-futbol wara l-ħin tal-iskola mir-residenti żgħażagħ li hemm. Skola Primarja A

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm. Il-KLR se jiltaqa kif deċiż fil-laqgħa tiegħu aktar kmieni dan ix-xahar.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum ta' Novembru 2022 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku